**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 13 ta' Lulju 2024

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roxanne Tabone)**

**Vs**

**Ilyes Mokdad**

(Detentur tal-passaport Frančiż bin-numru 24EE48992)

**Il-Qorti,**

Rat li Ilyes Mokdad, iben Slimane Mokdad u Rosa xebba Mansouri mwieled nhar it- 30/07/2001 ġewwa Bron France ta' Nazzjonalita' Franciza mingħajr indirizz u detentur tal-passaport Franciz numru 24EE48992, tressaq taħt arrest u ġie akkużat talli nhar il-12 ta' Lulju 2024 għall-ħabta ta' 11.00hrs, fuq titjira KM429 direzzjoni lejn Malta għall-ajruport Internazzjonali ta' Malta:

1. *Bi traksuraġni jew negliġenza ġhagixxejt b'mod tali li stajt tipperikola inġenju tal-ajru jew kwalunkwe persuna abbord dak l-inġenju u dan bi ksur tal-art 50 tal-Kapitolu 641 tal-Ligijiet ta' Malta.*
2. *U aktar talli talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi dhalt fi kwalunkwe inġenju tal-ajru waqt li kont fis-sakra, jew kont fis-sakra fi kwalunkwe inġenju tal-ajru u dan bi ksur ta' artikolu 49 (1) u (2) tal-Kapitolu 641 tal-Ligijiet ta' Malta*

3. *U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq Louis Andre Jules Anus hekk kif gie iccertifikat minn Dr Andre Abela tal-Floriana Health Centre u dan bi ksur tal-Art 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*
4. *U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Il- Qorti ġiet mitluba tipprovdi għas-sigurta u protezzjoni ta' Louis Abdre Jules Anus ai termini tal-artikolu 383, 384, 385, u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinflinġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imsemmija persuna tħallas id-danni stabbiliti skond l-artiklu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li llum stess wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament l-akkużi kontra tiegħu, l-akkużat ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-akkużat, l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-akkużat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-akkużat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Rat l-atti proċesswali kollha.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti, tenut kont tal-fatt li l-partijiet qablu li l-akkużat m'għandux jingħata piena karċerarja effettiva, wara li xtarret dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li kkunsidrat li l-akkużat iddispjeċiħ ta' dak li għamel, hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi m'għandix tiġi erogata piena karċerarja effettiva.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 49(1)(2), 50 tal-Kapitolu 641 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 214, 221(1), u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-Ilyes Mokdad, detentur tal-passaport Franciz numru 24EE48992 ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil konfront tiegħu, u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija, u tmint elef Ewro (€8,000) multa. Wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-imputat jiġi ttrattat permezz ta' sentenza sospiża, b' dan illi s-sentenza inflitta ma għandiex tibda sseħħ ħlief jekk, waqt il-perjodu ta' sentejn (2) li jibda jgħodd mid-data ta' din is-sentenza, l-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ. Il-Qorti tagħti l-fakolta li l-multa mposta titħallas fuq perjodu ta' sittax il-xahar (16) b'rati ta' ħames mitt Ewro fix-xahar.

Il-Qorti spjegat bi kliem sempliċi, ċar u li jinftiehem skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikoli 28A tal-istess Kapitolu 9.

Inoltre il-Qorti qiegħda tagħmel ukoll ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-akkużat għal fini ta' protezzjoni ta' Louis Andre Jules Anus detentur tal-passaport Franciż bin-numru 24AD92155,

Bernard Herrera (KI 201778M), Glorianne Mifsud (51977M), Kyle Curmi (KI 242596M), Jacqueline Losco (KI 101294M) u Nicole Casha (232700L) skont ma jirriżulta mid-digriet mogħti kontestwalment ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Finalment il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kontemplata abbażi tal-artikolu 383, 384, u 385 stante li minnflok din il-Qorti ordnat il-protezzjoni taħt l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9, u tastjeni ukoll milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kontemplata abbażi tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nħatru xi esperti jew periti.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------